MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru. 1135/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**Vs**

**Mohamad Nezar Aseh**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Mohamad Nezar Aseh ta' 23 sena iben Mohamed Samir u Basema, imwieled Damasku is-Sirja nhar il-25/06/1991 u residenti gewwa t-Tent Village ta' Hal Far u detentur tal-passaport Sirjan bin-numru 006514515, gie akkuzat talli:

1. fid-19 ta' Novembru 2014 u fix-xahar ta' qabel f'dawn il-gżejjer iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'Passaporti, Karti ta' l-Identità u Permessi għar-Residenza jew uża jew kellu fil-pussess tieghu Passaporti li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Khalid Ahmed bin-numru 55336485, Yosef Ahmed 55336488, Fahdi Amina 09PC38591, Ahmed Ayan 55336477 u Ismail Hamdi 412354233, rispettivament, (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta)

3. Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat il-verbal tas-Seduta ta' llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti u semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika li din il-Qorti ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti.

Qieset illi dan il-kaz beda u ser jispicca b'heffa liema bhala. U definittivament l-ammissjoni f'dan l-istadju ta` l-imputat qed tittiehed in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

**Ghal-mottivi premessi l-Qorti**, wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-Artikoli 17, 31, 189 u 28A tal-Kap 9, u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija, li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti tat lill-hati l-ispjegazzjoniet mehtiega skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------